*Ħaż-Żebbuġ - Citta' Rohan*

***KUNSILL LOKALI ĦAŻ-ŻEBBUĠ***

**AĠENDA NUMRU 9 – 16 ta' Diċembru 2019**

***Minuti tat-disa' laqgħa tal-Kunsill tat-tmien Leġislatura tal-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ, Ċittà Rohan, li saret nhar l-16 ta' Diċembru, 2019 fis-6:00pm.***

Il-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fi Triq Frans Sammut fis-6:00pm ta' filgħaxija sabiex issir Aġenda Numru 9. Il-laqgħa bdiet fis-7:00pm.

| | | |
|---|---|---|
| **Preżenti:** | **Dr. Malcolm P. Galea** | Sindku |
| | **Mark Camilleri** | Viċi-Sindku |
| | **Steve Zammit Lupi** | Kunsillier |
| | **Clive Azzopardi** | Kunsillier |
| | **Philip Edrick Zammit** | Kunsillier |
| | **George Cortis** | Kunsillier |
| | **Patrick Bonnici** | Kunsillier |
| | **Kevin Glynn** | Kunsillier |
| **Assenti b'Apoloġija:** | **David Battistino** | Kunsillier |
| **Assenti :** | **Ħadd** | |

| | | |
|---|---|---|
| **Pubbliku:** | **Mr. Robert S. Tabone** | Works' Co-ordinator |
| **Uffiċċjal preżenti:** | **Paula M. Valletta** | Segretarju Eżekuttiv |

**9.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-Kunsillier David Battistino ma setax jattendi għal din il-laqgħa. Il-laqgħa bdiet siegħa tard minħabba li kien hemm l-inawgurazzjoni ta' Sqaq tal-Lunzjata. Is-Sindku Dr. Malcolm P. Galea irringrazzja lil Viċi-Sindku Mark Camilleri talli attenda għal-laqgħa tar-reġjun, kif ukoll lil Kunsillier Philip E. Zammit tas-sehem tiegħu fit-tiżjin tal-Milied.

**9.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

Is-Segretarju Eżekuttiv ġabet għall-attenzjoni il-minuti tal-laqgħa preċedenti. Is-Sindku Dr. Malcolm P. Galea ppropona li l-minuti ta' Laqgha Nru 8 jiġu approvati. Huwa gie sekondat mill-Viċi-Sindku Mark Camilleri. Il-minuti ġew approvati unanimament.

**9.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

- Is-Sindku Dr. Malcolm P. Galea qal li l-laqgħa mad-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali kienet saret. Huwa rringrazzja lill-kunsilliera kollha li kienu preżenti għal din il-

laqgħa. Sadanittant waqt il-laqgħa stess id-Direttur informa lis-Segretarju Eżekuttiv li kien għamel talba għal aktar informazzjoni dwar affarijiet relatati mat-talba għas-self ta' Eur700K. Il-Kunsill saħaq li ma jistax jdum jistenna ħafna minħabba li kull sena li tgħaddi l-interessi jitilgħu b'Eur40K. Sadanittant id-Dipatiment kompla jsostni li minħabba l-pożizzjoni finanzjarja tal-Kunsill, il-Kunsill ma jistax jagħmel spejjeż apparti minn dawk li huma speċifikament dmirijiet tiegħu.

- Is-Sindku Dr. Malcolm P. Galea qal li tweħħlet camera temporanja fi Triq Luigi Fontana, filwaqt li Triq Emanuele Cilia ġiet imnaddfa mill-Cleansing Department.
- Is-Sindku Dr. Malcolm Paul Galea informa lill-Kunsill li t-tower crane fi Triq Frans Sammut k/m Triq Adeodato Gatt ma għamilx permess mal-Kunsill sabiex jarma hemm. Mill-pjanti jirriżulta li hemmhekk hija kollha art pubblika u fejn intrema l-crane, ser jiġi okkupat mill-bankina u mit-triq, meta tkun żviluppata t-triq.
- Is-Sindku Dr. Malcolm Paul Galea qal li rċieva talba mingħand żviluppatur sabiex jiġu mħawla 161 siġar bħala kumpens għat-tneħħija ta 24 siġra minħabba li ser isir żvilupp fil-proprjeta.
- Is-Sindku Dr. Malcolm Paul Galea tkellem dwar korrispondenza li ġiet mibgħuta mir-reġjun dwar il-programm Achievers. Il-Viċi-Sindku Mark Camilleri qal li

għandu jiġi studjat x'jista jsir bħala attivitajiet sabiex nibbenefikaw minn dan il-programm.

- Is-Sindku Malcolm P. Galea aġġorna lill-kunsill dwar Milied Żebbuġi li ser isir il-Gimgħa 21 u s-Sibt 22 ta' Diċembru, filwaqt li flimkien mal-Viċi-Sindku Mark Camilleri taw informazzjoni dwar dan l-avveniment.

**9.4 Ħarġiet għas-Sena 2020**

Il-Kunsillier Patrick Bonnici ppreżenta l-ħarġiet li huma ppjanati għas-sena 2020.

Dawn huma:

18 ta' Jannar - Ħaġar Qim fit-8:45am

16 ta' Frar - Wied Qirda fit-8:45am

20 ta' Marzu - Wied Ħesri, Salib tal-Gholja u l-Girgenti fis-7pm

8 t'April - Palazz tal-President fid-9am

14 t' April - Mixja Ghawdex

**9.5 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

Wara diskussjoni, fuq proposta tas-Sindku Dr. Malcolm P. Galea li ġiet sekondata mill-Kunsillier Philip E. Zammit, l-iskeda tal-pagamenti ġiet approvata kif preżentata.

**9.6 Twegibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;**

Il-Kunsillier Steve Zammit Lupi informa lill-Kunsill dwar it-talbiet li rċieva mingħand residenti fosthom għal 9 doggy bins. Dwar l-iSkema Kompost f'Darek, kien hemm talba minn ħdax-il resident.

**9.7 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**.

Il-laqgħa tal-Kunsill spiċċat fit-8:20pm u ġiet aġġornata sine die.

| | |
|---|---|
| **Dr. Malcolm P. Galea** | **Paula M. Valletta** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |

*Ħaż-Żebbuġ - Citta' Rohan*

## *KUNSILL LOKALI ĦAŻ-ŻEBBUĠ*

,

***Sindku (Mayor):*** Dr Malcolm Paul Galea MD MSc (Family Medicine) MMCFD MRCGP (Int)

***Viċi-Sindku (Vice Mayor):*** Mark Camilleri BSc (Hons.) ALIBF

***Kunsilliera (Councillors):*** Steve Zammit Lupi Bachelor of European Studies (Honours) with Communications, Clive Azzopardi ACCA CPA MIM MIA, Philip Edrick Zammit, Patrick Bonnici B.A (Hons.)(Melit), P.G.C.E.(Melit), Dip.Mrkt.(Melit), M.A.(ISSS)(Melit), George Cortis, Kevin Glynn, David Battistino

***Segretarju Eżekuttiv (Executive Secretary):*** Paula Marie Valletta B. Com (Hons.) Banking & Finance, M A (Financial Services)
***Indirizz (Address) : Triq Frans Sammut****, Ħaz-Żebbug, ŻBG 1905,*
***e-mail:*** *zebbug.malta.lc@gov.mt* ***Tel:*** *21 569191*